# Ittra mill-Awstralja

**Sam Vella**

Jiena Sam Vella li ngħix f'Sydney l-Awstralja għal dawn l-aħħar *57* sena, il-Każin tal-Banda Imperial tal-Mellieħa kont dejjem miġbud lejh sa minn ċkuniti. Sifirt minn Malta mal-familja, kelli sittax-il sena u dejjem bqajt inħobb il-Każin Imperial. Minn dan il-bogħod kollu dejjem kont lest biex ngħin lill-Każin, meta kien hemm xi bżonn u bil-għajnuna ta' ħafna dilettanti tal-Każin li qegħdin hawn l-Awstralja u anke mill-Amerka, dejjem irrnexxilna nagħmlu dak li kien hemm bżonn.

Issa, nixtieq ngħid kelmtejn fil-qosor fuq xi ħbieb li llum m'għadhomx magħna, li dejjem kienu minn tal-ewwel biex jgħinu lill-każin tagħna.



**Johnnie Stellini** (ta' Nina ta' Charlie) li kien jgħix l-Amerka, kien iħobb il-każin u, barra li kien bennefattur mill-qalb, kien ta' sikwit imur Malta biex igawdi l-festa. Issa b'dispjaċir kbir din is-sena Johnnie m'għadux magħna u l-każin ħassha ħafna t-telfa tiegħu.



**Frank Borg** ( ta' Kejjillu ) li kien jgħix Sydney l-Awstralja għal ħafna snin, kien benefattur tal-Każin, u qabel ġie l-Awstralja kien bandist mal-Banda Imperial. Imma jiddispjaċina ngħidu li Frank ħalliena wkoll.



**Mosè Vella** (tal-Barkun) li kien jgħix f'Melbourne l-Awstralja u qabel siefer kien bandist mal-Banda Imperial tal-Mellieħa, anke meta kien f'Melbourne kien Bandist mal-banda ta' Melbourne (Maltese Own Band). Bejn dawn iż-żewġ Baned kien bandist għal 55 sena, Mosè ukoll kien benefattur mill-Qalb għall-Każin. Dawn it-tliet benefatturi li semmejna ma jkunu minsijin qatt mill-Każin għażiż tagħna, l-Għaqda Mużikali Imperial.

AGĦTIHOM O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM
AĦNA L-MELLEĦIN INĦOBBU LIL XULXIN

Dejjem tagħkom Sam Vella ta' Peppi ta' Pietru
Sydney Awstralja.